Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

It- Tnejn, 24 ta' Lulju 2023

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-10.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-10.16am

## 59.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

59.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

59.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tmienja u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

59.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 59.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

59.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li saret laqgħa bejn id- Direttur Generali tar- Restoration Directorate u resident li joqgħod fi Triq L-Infetti fuq il-post fejn allegatament l-ilma tax- xita li qed jinzel mis-swar ta' l- Mdina qed jagħmel ħsara lil-propjeta tas- Sid. Prezenti kien hemm is- Sindku.

59.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li rrapurta t-trakk lil awtoritajiet ta' l-infurzar li qed jidħol l-Mdina biex jiġbor l-iskart ta' l-istabilimenti kummerċjali fejn dan minn kull fejn jgħaddi qed iħalli traċċi ta' ilma maħmuħ b'konsegwenza li qed iħammeġ it-toroq ta' l-Mdina

59.3.3 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa maċ-ċermen ta' Transport Malta fejn ġie diskuss l-allokazzjoni ta' *parking bays* extra għal residenti ta' l-Mdina, it-tibdil fir-rata tal-ħlas li jsir għal permessi tal-karozzi li jidħlu l-Mdina kif ukoll dwar iz-zieda allarmanti ta' karozzini li qed joperaw minn ġewwa l-Mdina. Is- Sindku qal li nisperaw li jkollna xi tip ta' feedback.

59.3.4 Is- Sindku talab lil Kunsill l-approvazzjoni biex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet għal ħasil extra tat- toroq ġewwa l-Mdina fix-xahar ta' Awwissu u Settembru. Il-Kunsill approva.

59.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li nhar id- 29 ta'Settembru 2023 ser isir avveniment organizzat mill-Uffiċċju Tal- Prim Ministru. Dettalji jingħataw fil-mument opportun.

## 59.4 **Management Letter Awdituri tal-Gvern Lokali- Risposta tal-Kunsill**

59.4.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport tal-NAO li jinkludi l-Financial Statements awditjati 2022 kif ukoll il-management letter tal-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill

59.4.2 Is- Sindku ppropona li l-ittra tal-Awdituri għandha tiġi mwieġba kif irrakkomandat mill-accountant u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**59.5 Invit ta' Stedina minn DongCheng għal zjara tal-Kunsill ġewwa iċ- Ċina.**

59.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra ittra ta' stedina minn DongCheng, Ċina biex delegazzjoni mill-Kunsill ta' L- Mdina terġa tagħmel zjara ta' kortesija ġewwa ċ-Cina.

59.5.2 Il-Kunsill talab lis- SE biex jibgħat jinfurmahom li din l-istedina qed tiġi milqugħa u jixtieq ikun jaf meta din iz-zjara tkun tista' sseħħ biex ikun jista jibda' bil-preparamenti u jitlob il-permess neċessarju mid- Dipartiment għal Gvern Lokali.

**59.6 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

59.6.1 Regjun Punent- Ir- Regjun offra lil Kunsill li jinxtara pole għal bandiera fejn ser tingħata il-bandiera tar- Regjun Punent u dan il-pole ser jitħallas mir- Reġjun stess.

59.6.2 Halo Pictures- Talba biex ssir laqgħa mal-Kunsill rigward il-possibilita' li jinġibed film ġewwa l-Mdina.

59.6.3 Marigold Foundation- Talba lil Kunsill biex l-attivita' Pink October Bike Ride tibda' minn ġewwa t- Tomba ( Howard Gardens). Il-Kunsill approva.

59.6.4 Dental Public Health Unit- Talba ta' interess biex jingħataw xi lectures lil residenti fuq san is-suġġett. Il-Kunsill wera' l-interess li jipparteċipa.

59.6.5 Ilment minn resident fuq il-muturi tad- deliveries li qed jiksru l-kodiċi tas- sewan huma u jidħlu l-Mdina. Il-Kunsill ha nota u ser jinfurma lil Pulizija tal- Komunita biex jinfurzaw fejn jistgħu.

58.6.6 Talba mill-Katidral ta' L-Mdina biex dust bin li jinsab fi Triq Sant' Rokku kantuniera ma Triq is- Sur jitneħħa minħabba xi perstiċidi li jistgħu jagħmlu ħsara lil istess kattidral. Il-Kunsill ħa nota u ser jitqabbad health inspector biex jara' li dak li qed jingħad huwa minnu u filkaz jittieħdu mizuri neċessarji.

58.6.7 Ghaqda Pelligrinaġġ Muturi u Roti- Talba biex il-ġirja annwali tal-muturi u roti ad unur il-festa ta' Haz- Zabbar tibda' minn fejn il-parking area ta' fejn il-bandli. Il-Kunsill approva.

58.6.8 Natlalis Notabilis 2023- Talba biex dak inhar ta' l-attivitajiet b'rabta ma' Natalis Notabilis, l-area tat-tomba tkun riservata għas-service suppliers. Il-Kunsill approva.

58.6.9 Is- SE infurma lil Kunsill li l-aircondition unt ta' l-Uffiċċju għandu ħsara irreparabbli u qed jitlob lil Kunsill biex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet għal unit ġdid. Il-Kunsill approva u talab li ma jintilifx zmien u ġa la darba s- SE ikollu dawn il-kwotazzjonijiet imur għal irħas wieħed.

**59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

59.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 24 ta' Lulju 2023 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 17,001.46

59.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**59.8 Tmiem tal- Laqgħa**

59.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil- 11.23am

______________________ ______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data:___14 ta'Awwissu 2023__